

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [L-ispażju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika](#) > [Greece](#)

My e-Justice space

Greċja

Greċja

Il-Greċja introduċiet għall-ewwel darba l-“Portal Unifikat tal-Amministrazzjoni Pubblika” (“*Ενιαία Ψηφιακή Πύλη της Δημόσιας Διοίκησης*” (bil-Grieg)), fl-2019 skont l-Artikolu 52 tal-[Liġi 4635/2019](#) (bil-Grieg), implimentat u mmonitorjat mill-[Ministeru għall-Governanza Diġitali](#) (bil-Grieg). L-għan huwa li jkun hemm punt uniku għas-servizzi elettroniċi kollha tal-korpi u l-aġenziji tal-gvern estiż. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-proċessi kollha msemmija f’din il-paġna jistgħu jitwettqu wkoll fiżikament, irrispettivament minn jekk jistgħux jitlestew ukoll parzjalment jew kompletament online.

[GOV.GR](#) huwa l-portal diġitali uniku ġdid tal-amministrazzjoni pubblika Griega għaċ-ċittadini u n-negozji. L-iżvilupp tiegħu huwa aġli. L-ewwel verżjoni beta tnediet pubblikament f’Marzu 2020 b’aktar minn 500 servizz diġitali diġà żviluppatti miġbura f’punt uniku ta’ kuntatt.

Minn dak iż-żmien ‘l hawn, GOV.GR irnexxielu jsir id-dar diġitali tal-gvern, u ospita aktar minn 1,400 servizz diġitali, u għamilha aktar faċli għal miljuni ta’ ċittadini biex jagħmlu tranżazzjonijiet mal-amministrazzjoni pubblika. L-għan huwa li ċ-ċittadini u n-negozji jiġu moqdija aħjar, permezz tal-ħolqien ta’ servizzi fdati, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u ż-żieda fl-effiċjenza fl-operat tal-Amministrazzjoni Pubblika.

GOV.GR kellu rwol importanti ħafna matul il-pandemija tal-Covid, peress li sar iċ-ċentru ewleni għas-servizzi u l-funzjonijiet kollha relatati ma’ din il-kwistjoni. B’mod indikattiv, iċ-ċertifikati tat-tilqim, iċ-ċertifikati tat-testijiet pożittivi/negattivi, il-kards tal-iskola u servizzi relatati oħra, kollha jitwasslu permezz ta’ GOV.GR.

GOV.GR hija strutturata fuq it-tassonomija fuq tliet livelli, il-Kategoriji, l-Avvenimenti tal-Ħajja, is-Servizzi. Dan jippermetti l-prinċipju ta’ tliet klikks sabiex iċ-ċittadin jilħaq is-servizz mixtieq.

Fl-2020, l-Artikolu ta’ hawn fuq tħassar u ġie sostitwit (impliċitament) mill-Artikoli 22 sa 33 tal-[Liġi 4727/2020](#) (bil-Grieg), li jspecifikaw u jiddeskrivu fid-dettall l-għanijiet, id-definizzjonijiet, is-servizzi, eċċ., tal-governanza diġitali, l-aċċess għad-dokumenti, in-natura tad-dokumenti pubbliċi elettroniċi, eċċ., fis-settur pubbliku Grieg (il-gvern estiż), inklużi s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti online. L-Artikoli jstabbilixxu mill-ġdid l-eżistenza u l-għanijiet tal-Portal, u jiddeskrivu regoli u proċessi speċifiċi li l-korpi u l-aġenziji tal-gvern estiż jeħtiġilhom isegwu biex jagħmlu possibbli l-aċċess diġitali għad-dokumenti miċ-ċittadini. L-iskop primarju tal-Portal huwa li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jitolbu, jirċievu jew joħorġu kwalunkwe dokument minn korpi jew aġenziji tal-gvern estiż (pereż. l-Artikoli 26-28).

Minn Awwissu 2023, il-Portal jinkludi 1,583 servizz diġitali fi 11-il kategorija. Huwa strukturat skont it-tema - pereż. l-Impjiegi u s-Sigurtà Soċjali, il-Familja, il-Proprietà u t-Tassazzjoni, is-Saħħa - u f’kull qasam hemm sottodivizjonijiet (pereż. fi ħdan il-Familja, hemm kwistjonijiet relatati mat-Telf (mewt, eċċ.), it-Twelid (ċertifikati, eċċ.), id-Divorzju, u l-Istatus tal-Familja (ċertifikat taż-żwieġ, eċċ.).

Mis-servizzi ta’ hawn fuq, xi wħud huma pprovduti permezz tal-Portal innifsu, iżda l-maġġoranza huma pprovduti permezz tal-pjattaformi online ta’ korpi jew aġenziji pubbliċi oħra (eż. Ministeri) tal-gvern estiż. Dan f’konformità mal-leġiżlazzjoni ta’ hawn fuq li tirrikjedi li l-korpi u l-aġenziji jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini li jwettqu n-negozju tagħhom (kemm jista’ jkun) online, li għalihom huma inklużi fil-pjattaforma iperlinks diretti. Is-servizzi kollha, madankollu, huma miġbura fil-Portal bħala l-punt uniku ta’ tftixxja, skont regoli speċifiċi relatati mal-esperjenza tal-utent. Il-Portal għandu wkoll [inbox elettronika għaċ-ċittadini](#) ddedikata, li fiha kull utent jista’ jsib id-dokumenti kollha maħruġa, skont it-talba tiegħu, minn aġenziji jew korpi tal-gvern estiż. Jekk dokument jintbagħat fl-inbox taċ-ċittadin minn aġenzija jew korp wara t-talba ta’ ċittadin, dan jitqies bħala konsenja uffċjali

tad-dokument (l-Artikolu 26, il-Liġi 4727/2020). B'eċċezzjonijiet minuri (eż. dikjarazzjoni tat-twelid), il-biċċa l-kbira tas-servizzi pprovduti permezz tal-Pjattaforma jew inklużi fiha, huma għaċ-ċittadini Griegi. Ta' min jinnota li l-Portal innifsu (kif inhu l-każ għall-biċċa l-kbira tal-pjattaformi online l-oħra li jipprovdu s-servizzi inklużi f'dan id-dokument) kien biss bil-lingwa Griega (għalkemm għandu aċċess iddedikat għal individwi b'diżabilità). Minn April 2023, GOV.GR huwa disponibbli wkoll bl-Ingliż.

L-awtentikazzjoni tal-utent fil-Pjattaforma ġeneralment tinkiseb b'wieħed mill-modi li ġejjin (l-Artikolu 24); normalment dan il-proċess ikun ikkumplementat bl-awtentikazzjoni b'tagħmir mobbli/bit-telefown ċellulari:

- Awtenkazzjoni Taxisnet (is-sistema tat-tassazzjoni online unifikata għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa u d-dokumenti rilevanti kollha, il-monitoraġġ tat-taxxa dovuta li tkun tħallset jew hija pendenti, eċċ.);
- Awtenkazzjoni bankarja elettronika (il-username u l-password huma pprovduti mill-bank rispettiv ta' kull individwu);

Madankollu, għal servizzi li huma pprovduti mill-Pjattaforma nnifisha u li huma inklużi f'dan id-dokument, jintuża biss l-ewwel mod ta' awtenkazzjoni (Taxisnet), peress li dawn is-servizzi huma fil-biċċa l-kbira ta' natura fundamentali (ċertifikat tat-twelid, ċertifikat tal-mewt, telf ta' ID nazzjonali, eċċ.). Servizz li juża t-tieni mod ta' awtenkazzjoni u awtenkazzjoni b'żewġ fatturi huwa, pereżempju, għat-telf ta' ID nazzjonali, docs.gov.gr, eċċ. Rigward is-servizzi inkorporati fil-Pjattaforma iżda offruti minn pjattaformi online separati, l-awtenkazzjoni titwettag permezz ta' awtenkazzjoni Taxisnet jew inkella awtenkazzjoni personalizzata pprovduta mis-sid tas-servizz.

Mill-2019 'il quddiem, wieħed jista' jirreġistra għal kont Taxisnet (username/password), jirreġistra mill-ġdid jew jirkupra l-kredenzjali ta' awtenkazzjoni tiegħu kompletament online (l-aġenzija responsabbli hija l-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku; *Ανεξάρτητη Αρχή Δημοσίων Εσόδων - ΑΑΔΕ*). Il-proċess online jitwettag mill-utent kif ġej:

- iżur <https://kleidarithmos.gov.gr/>
- idaħħal
 - in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali (ID) tiegħu
 - in-Numru ta' Reġistrazzjoni tat-Taxxa (*Αριθμός Φορολογικού Μητρώου - ΑΦΜ*)
 - in-numru tal-kont bankarju (IBAN) attiv li tiegħu l-individwu kkonċernat huwa l-benefiċjarju jew kobenefiċjarju
 - in-numru tat-telefown ċellulari/tal-mobile u l-operatur li miegħu huwa rreġistrat in-numru
- Jirċievi l-kredenzjali tiegħu wara r-reġistrazzjoni.

Artikoli oħra rilevanti u interessanti ta' din il-liġi huma dawn li ġejjin.

- l-Artikolu 5 il-Liġi 4727/2020, Il-Bibbja tat-Trasformazzjoni Diġitali: Dokument ta' politika ta' 5 snin (aġġornat kull sena) li ġie ppreżentat mill-Ministeru għall-Governanza Diġitali fl-2020 u li sar liġi tal-istat fil-5 ta' Lulju 2021. Dan jistabbilixxi l-pjan direzzjonali strateġiku għat-trasformazzjoni diġitali tal-Greċja u jkopri sitt pilastri: (i) il-konnettività; (ii) il-ħiliet diġitali; (iii) l-istat diġitali; (iv) in-negozju diġitali; (v) l-innovazzjoni diġitali; u (vi) l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali f'kull settur tal-ekonomija. Il-Bibbja tat-Trasformazzjoni Diġitali 2020-2025 tinsab [hawnhekk](#) (bil-Grieg).
- L-Artikolu 9 il-Liġi 4727/2020, L-Aġenziji ta' Governanza Diġitali fi ħdan il-Ministeri: Kull Ministeru jrid jistabbilixxi Aġenzija għall-Governanza Diġitali (fi kwalunkwe livell amministrattiv meqjus xieraq), responsabbli għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet kollha tat-trasformazzjoni diġitali ta' dak il-Ministeru rispettiv.
- L-Artikolu 11 il-Liġi 4727/2020 Numru Personali: Kull ċittadin li għandu Numru tas-Sigurtà Soċjali (*Αριθμός Μητρώου Κοινωνικής Ασφάλισης - ΑΜΚΑ*), u Numru ta' Reġistrazzjoni tat-Taxxa (*Αριθμός Φορολογικού Μητρώου - ΑΦΜ*) jingħata numru uniku ta' 12-il karattru alfanumeriku, li jservi bħala l-awtentikatur għat-tranżazzjonijiet kollha taċ-ċittadini mas-settur pubbliku. Ta' min jinnota li sal-lum dan għadu ma ġie implimentat.

Għan u ambitu: L-għan ta' dan is-servizz huwa li jipprovdi lill-utent l-opportunità li jissottometti att proċedurali (δικόγραφο) lill-qorti xierqa, li jista', fost affarijiet oħra, jinkludi talbiet għad-danni.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja (Υπουργείο Δικαιοσύνης).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Biex ikun eliġibbli, l-utent irid ikun l-avukat li jirrappreżenta lir-rikorrent.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utenti jiġu identifikati u awtentikati permezz tal-identifikazzjoni individwali u ddeżinjata tal-Kamra tal-Avukati tagħhom, li jirċievu meta jissieħbu fil-Kamra tal-Avukati.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Hemm informazzjoni (pereż. l-isem, il-kunjom, eċċ.) li għandha tiddaħħal fil-kampijiet xierqa. Barra minn hekk, l-att proċedurali nnifsu huwa meħtieġ.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokument għandu l-istess effett legali bħal dokument fiżiku korrispondenti.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Ebda kost għall-proċess (jista' jkun hemm kostijiet addizzjonali, bħal tariffi legali, eċċ., relatati mad-depożitu tad-dokument).

Links:

<https://www.gov.gr/upourgeia/upourgeio-dikaiousnes/olomeleia-ton-proedron-ton-dikegorikon-sullogon-ella-dos/elektronike-katathese-dikographon-politika-poinika-dikasteria> (bil-Grieg)

<https://www.gov.gr/en/upourgeia/upourgeio-dikaiousnes/olomeleia-ton-proedron-ton-dikegorikon-sullogon-ellados/elektronike-katathese-dikographon-politika-poinika-dikasteria> (bl-Ingliż)

https://accounts.olomeleia.gr/auth/realm/master/protocol/openid-connect/auth?scope=openid%20profile%20email&state=3882ef9e3f06f1b6cab214d506d0745c2ffd965bac32d22f9f7950bb6128e600&redirect_uri=https://apps.olomeleia.gr/index.php/Login/response&response_type=code&client_id=apps.olomeleia.gr&state=3882ef9e3f06f1b6cab214d506d0745c2ffd965bac32d22f9f7950bb6128e600 (bil-Grieg)

Aktar informazzjoni dwar il-kumpens mill-awtur tar-reat tinsab [hawnhekk](#).

Bidu ta' kawża ċivili online

Għan u ambitu: L-għan ta' din in-notifika huwa li tippermetti lill-utent jissottometti dokumenti proċedurali (δικόγραφα) lill-qorti xierqa. Il-qrati jistgħu jkunu ta' kwalunkwe tip (ċivili, amministrattivi, kriminali) u fi kwalunkwe livell (Prim' Istanza, Appelli, eċċ.)

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja (Υπουργείο Δικαιοσύνης).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Biex ikun eliġibbli, l-utent irid ikun avukat rilevanti għall-kawża.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utenti jiġu identifikati u awtentikati permezz tal-identifikazzjoni individwali u ddeżinjata tal-Kamra tal-Avukati tagħhom, li jirċievu meta jissieħbu fil-

Kamra tal-Avukati.

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Hemm informazzjoni (pereż. id-dettalji personali tar-rikorrenti, it-tip ta' proċedura, eċċ.) li għandha tiddaħħal fil-kampijiet xierqa. Barra minn hekk, l-atti proċedurali ffirmati diġitalment infushom huma meħtieġa.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokument għandu l-istess effett legali bħal dokument fiżiku korrispondenti.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Ebda kost għall-proċess (jista' jkun hemm kostijiet addizzjonali, bħal tariffi legali, eċċ., relatati mad-depożitu tad-dokument).

Links:

<https://www.gov.gr/upourgeia/upourgeio-dikaiousunes/olomeleia-ton-proedron-ton-dikegorikon-sullogon-ella-dos/elektronike-katathese-dikographon-politika-poinika-dikasteria> (bil-Grieg)

<https://www.gov.gr/en/upourgeia/upourgeio-dikaiousunes/olomeleia-ton-proedron-ton-dikegorikon-sullogon-ellados/elektronike-katathese-dikographon-politika-poinika-dikasteria> (bl-Ingliż)

https://accounts.olomeleia.gr/auth/realms/master/protocol/openid-connect/auth?scope=openid%20profile%20email&state=3882ef9e3f06f1b6cab214d506d0745c2ffd965bac32d22f9f7950bb6128e600&redirect_uri=https://apps.olomeleia.gr/index.php/Login/response&response_type=code&client_id=apps.olomeleia.gr&state=3882ef9e3f06f1b6cab214d506d0745c2ffd965bac32d22f9f7950bb6128e600 (bil-Grieg)

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar kif tressaq kawża quddiem il-qorti [hawnhekk](#).

Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Għan u ambitu: Fi ħdan l-ordinament ġuridiku Grieg, huwa rikonoxxut li dokument ta' kwalunkwe tip (fiżiku, elettroniku, eċċ.) jista' jiġi kkonsenjat uffiċjalment permezz ta' mezzi elettroniċi (eż. posta elettronika), dment li, b'xi mod, ir-riċevitur jikkonferma li jkun irċieva d-dokument. F'xi każijiet, speċjalment matul proċess, id-dokumenti relatati mal-proċess jistgħu jiġu notifikati lil individwi b'mod elettroniku. Madankollu, għal dokumenti ġudizzjarji ta' qabel il-proċess, bħal twissijiet ekstraġudizzjarji (εξώδικες διαμαρτυρίες), eċċ., in-notifika għadha ssir primarjament b'mod fiżiku minn uffiċjali ġudizzjarji.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja (Υπουργείο Δικαιοσύνης).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Biex ikun eliġibbli, l-utent irid ikun avukat rilevanti għall-kawża.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utenti jiġu identifikati u awtentikati permezz tal-identifikazzjoni individwali u ddeżinjata tal-Kamra tal-Avukati tagħhom, li jirċievu meta jissieħbu fil-Kamra tal-Avukati.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Hemm informazzjoni (pereż. l-isem, il-kunjom, eċċ.) li għandha tiddaħħal fil-kampijiet xierqa. Barra minn hekk, l-atti proċedurali nfushom huma meħtieġa.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokument għandu l-istess effett legali bħal dokument fiżiku korrispondenti.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Il-kost tas-servizz huwa stabbilit għal EUR 50, li għandu jitħallas permezz ta' trasferiment bankarju pagabbli lill-"Ministeru Elleniku għall-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem", bl-użu tal-kont bankarju li ġej: Bank of Greece, numru tal-kont tal-bank: 23/2341147896, IBAN: GR9101000230000002341147896, Kodiċi Swift: BNGRGRAA.

It-talbiet kollha għal notifika jridu jużaw il-metodu deskritt. Talbiet mhux akkumpanjati mill-irċevuta tal-ħlas meħtieġa mill-bank jiġu rritornati mingħajr ma jiġu pproċessati.

Link:

Aktar informazzjoni dwar in-notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji fil-Greċja tinsab [hawnhekk](#).

Parteċipazzjoni f'subbasti

Għan u ambitu: L-għan ta' dan is-servizz huwa li jospita s-subbasta ta' proprjetà maqbuda (preklużjoni mill-banek, dejn lill-gvern, eċċ.), u li jipprovdi l-opportunità lill-individwi interessati fl-offerti u x-xiri ta' tali proprjetà, biex jagħmlu dan b'mod elettroniku.

Awtorità kompetenti: L-Assoċjazzjoni Pubblika tan-Nutara tal-Qrati tal-Appell ta' Ateni, Piraeus, l-Eġew u d-Dodecanese (*Συμβολαιογραφικός Σύλλογος Εφετείων Αθηνών, Πειραιώς, Αιγαίου και Δωδεκανήσου*).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Biex ikun eliġibbli, l-utent irid ikun interessat li jixtri proprjetà jew ikun nutar pubbliku.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utenti jiġu identifikati u awtentikati mill-kredenzjali tal-login individwali ddedikati tagħhom (username u password), li jirċievu mar-reġistrazzjoni fil-pjattaforma. Għar-reġistrazzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma, il-kredenzjali Taxisnet huma meħtieġa bħala awtentikazzjoni.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovdoti: Huma meħtieġa diversi dokumenti u informazzjoni li tvarja, peress li dan huwa proċess legali kkumplikat u f'diversi stadji. Id-dokumenti jistgħu jinkludu valutazzjoni ta' proprjetà, atti, eċċ.)

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokument għandu l-istess effett legali bħal dokument fiżiku korrispondenti.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Le (diversi stadji fil-proċess jaf jirrikjedu li jintbagħtu bil-posta jew jiġu ppreżentati dokumenti, bħall-mandat rilevanti, li jridu jintbagħtu lin-nutar pubbliku inkarigat mis-subbasta).

Kost: Ebda kost għall-proċess (jista' jkun hemm kostijiet addizzjonali, bħal tariffi legali, eċċ., relatati mad-depożitu tad-dokument).

Link:

<https://www.eauction.gr/> (bil-Grieg)

<https://www.eauction.gr/en/> (bl-Ingliż).

Aktar informazzjoni dwar is-subbasti elettroniċi fil-Greċja tinsab [hawnhekk](#).

Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Għan u ambitu: L-għan ta' dan is-servizz huwa li jippermetti lill-utent isib informazzjoni, lista ta' medjaturi, eċċ., għal servizzi ta' medjazzjoni f'ċerti proċeduri ċivili.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja (*Υπουργείο Δικαιοσύνης*).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Biex ikun eliġibbli, l-utent irid ikun l-individwu kkonċernat, jew ikun medjatur.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utent jiġi identifikat u awtentikat bl-użu tal-kredenzjali Taxisnet tiegħu stess.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Huma meħtieġa diversi dokumenti u informazzjoni li tvarja, peress li dan huwa proċess legali kkumplikat u f'diversi stadji. Id-dokumenti jistgħu jinkludu opinjonijiet, eċċ.)

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Le, dan ta' hawn fuq huwa biss biex jinstabu dokumenti, medjaturi, informazzjoni, eċċ. Il-medjazzjoni sseħħ f'format dirett.

Kost: Ebda kost għall-proċess (jista' jkun hemm kostijiet addizzjonali, bħal tariffi legali, eċċ., relatati mal-proċess ta' medjazzjoni nnifsu jew mal-produzzjoni ta' diversi dokumenti meħtieġa).

Link:

<https://www.diamesolavisi.gov.gr/>

Aktar informazzjoni dwar kif jiġu pprovduti s-servizzi ta' medjazzjoni fil-Greċja tinsab [hawnhekk](#).

Formazzjoni ta' kumpanija

Għan u ambitu: L-iskop ta' dan is-servizz huwa li tiġi provduta l-opportunità lill-utent biex jirreġistra u jstabilixxi kumpanija ta' kwalunkwe forma.

Awtorità kompetenti: L-Assoċjazzjoni Ċentrali Griega tal-Kmamar (*Κεντρική Ένωση Επιμελητηρίων Ελλάδος*)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Biex ikun eliġibbli, l-utent irid ikun fundatur tal-kumpanija rispettiva jew individwu awtorizzat b'xi mod ieħor biex jipproċedi bit-twaqqif tal-kumpanija
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utent jiġi identifikat u awtentikat bl-użu tal-kredenzjali Taxisnet tiegħu stess

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Hemm informazzjoni (pereż. l-isem, il-kunjom, eċċ.) li għandha tiddaħħal fil-kampijiet xierqa. Barra minn hekk, huma meħtieġa diversi dokumenti skont il-forma tal-kumpanija, in-nazzjonalità tal-fundaturi, eċċ. Dawn huma determinati fid-dettall fid-[Deċiżjoni Ministerjali Nru. 63577/13.06.2018](#). Dawn jinkludu dikjarazzjonijiet solenni mill-fundaturi, statut ta' inkorporazzjoni, ID nazzjonali jew passaport, eċċ.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokument għandu l-istess effett legali bħal dokument fiżiku korrispondenti.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost: Is-servizz innifsu huwa b'xejn. Madankollu, l-istabbiliment ta' kumpanija permezz tas-sistema jinvolvi kostijiet (jistgħu jvarjaw minn EUR 50 sa aktar minn EUR 1,000) li jiddependu fuq il-forma tal-kumpanija, l-għadd ta' sħab fil-kumpanija, u l-kapital inizjali. L-istabbiliment tal-kumpanija nnifisha jista' jinvolvi kostijiet addizzjonali, bħall-kapital inizjali tagħha.

Link:

<https://eyms.businessportal.gr/auth> (bil-Grieg)

<https://www.gov.gr/ipiresies/epikheirematike-drasterioteta/adeiodoteseis-kai-summorphose/katakhorise-st-o-geniko-emporiko-metroo-geme> (bil-Grieg)

<https://www.gov.gr/en/ipiresies/epikheirematike-drasterioteta/adeiodoteseis-kai-summorphose/katakhorise-sto-geniko-emporiko-metroo-geme> (bl-Ingliż)

Aċċess għal informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u ambitu: L-għan ta' dan is-servizz huwa li jippermetti lill-utent isib informazzjoni bażika dwar kwalunkwe kumpanija rreġistrata fil-Greċja, billi jdaħħal informazzjoni bażika tal-kumpanija (pereż. in-Numru tar-Reġistrazzjoni tat-Taxxa tal-kumpanija, l-isem, eċċ.)

Awtorità kompetenti: L-Assoċjazzjoni Ċentrali Griega tal-Kmamar (*Κεντρική Ένωση Επιμελητηρίων Ελλάδος*).

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Mhux applikabbli (kompletament miftuħa).
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Mhux applikabbli (kompletament miftuħa).
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Mhux applikabbli.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: Le.

Link: <https://www.businessregistry.gr/publicity/index> (bil-Grieg u bl-Ingliż)

■ L-aħħar aġġornament: 19/03/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.